# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA MQADDSA GEWWA ........................

## CHIETI

Il-processjoni tal-Gimgha l-Kbira fi Chieti gewwa Abruzzo hija wahda drammatika u solenni mic-ceremonji kollha li jsiru f'dan ir- regjun. Din l-attivita' originat fis-sena 1603 mill-Arikonfraternita' ta' l-Gholja Mqaddsa tal-Mejtin u hekk baqghet issir sal-gurnata tal-lum. Din ic-ceremonja solenni kienet issir filghodu u tlett elementi simbolici kienu l-qofol tac-celebrazzjoni: statwa ta' l-injam li tirrapresenta l-mewt, standard ta' damask iswed, u bradella li fuqha kien imqieghed il-gisem ta' Kristu mejjet.

Il-membri ta' din l-arcikonfraternita' kienu jgorru dawn it-teltt simboli lebsin il-kunfratija u l-kappell li jaghtilhom rashom kollha hlief ghal ghajnejhom li bihom kienu jaraw minn zewg toqbiet fil-kappell. Pero f'nofs is-seklu 19 din l-purcissjoni bdiet isir filghaxija.

Minhabba li dawk iz-zminijiet ma kienx hemm elettriku, kull konfraternita' kienet taghmel uzu mix-xema jew torci li bil-fjammi taghom kienu jdawwlu il-processjoni. U ghalkemm l-elettriku sab postu fl-ibliet u d-djar tal-lum, l-istess mezz ta' dwal ghadu jintuza fil-processjoni biex jaghti dik ix-xehta profonda u drammatika. Is-socjetajiet religjuzi kollha jiehdu sehem u l-fratelli jilbsu dak l-ilbies penitenzjali bil-barnuza go rashom.

Il-Kavallieri ta' Malta li ghandhom fergha gewwa Chieti jerfghu l-istatwi u jimxu b'pass meqjus biex jaghtu solennita' lil-okazzjoni Il-muzika tal-kor tal-katedral akkumpanjata mill-orkestra jkantaw kanta funebri. Il-hoss tac-cuqlajta jaghti sens ta' dieqa u l-ommijiet bit-tfal ta' taht is-sena jghollu lit-trabi taghhom hekk kif l-Omm Addolorata tghaddi minn hdejhom. L-istatwi ghandhom valur artistiku u kollox ma kollox il-processjoni ta' Kristu mejjet hija wahda mic-ceremonja l-aktar sinifikanti tal-lokal.